Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0152

Il-liġi Ċiniża ġdida dwar "l-unità u l-progress etniċi" u s-soppressjoni intensifikata tal-identitajiet etniċi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' April 2026 dwar il-liġi Ċiniża ġdida dwar "l-unità u l-progress etniċi" u s-soppressjoni intensifikata tal-identitajiet etniċi (2026/2703(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-protezzjoni tal-identità nazzjonali jew etnika, kulturali, reliġjuża u lingwistika tal-minoranzi hija ankrata fid-dritt internazzjonali konswetudinarju, kif rifless fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali jew Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi; billi l-istati kollha huma meħtieġa jirrispettaw dawn l-istandards;

B. billi fit-12 ta' Marzu 2026, il-Kungress Nazzjonali tal-Poplu taċ-Ċina adotta l-Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Unità u l-Progress Etniċi, li tkompli tintegra l-ideoloġija tal-istat u tagħti prijorità lill-Mandarin fl-edukazzjoni, fil-ħajja pubblika u fil-media, u tintensifika r-repressjoni istituzzjonalizzata u l-assimilazzjoni tal-identitajiet tal-minoranzi etniċi, inklużi t-Tibetani, il-Hui, l-Ujguri, il-Manchus u l-Mongoljani; billi din il-liġi titbiegħed b'mod sinifikanti mil-Liġi tal-1984 taċ-Ċina dwar l-Awtonomija Etnika Reġjonali;

C. billi l-firxa ekstraterritorjali tal-liġi tippermetti l-prosekuzzjoni tal-individwi barra mill-pajjiż li jkunu meqjusa li jimminaw l-"unità etnika" taċ-Ċina;

D. billi d-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem taċ-Ċina poġġa pressjoni fuq ir-relazzjonijiet tagħha mal-UE; billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt għandhom ikunu fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet tal-UE maċ-Ċina;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-politiki repressivi ta' assimilazzjoni taċ-Ċina

u l-ksur konsegwenti tad-drittijiet universali tal-bniedem, inkluż fit-Tibet, f'Xinjiang u fil-Mongolja Interna;

2. Jesprimi tħassib serju dwar il-Liġi adottata dwar il-Promozzjoni tal-Unità u l-Progress Etniċi, li tippromwovi b'mod miftuħ politiki ta' assimilazzjoni u tirrestrinġi l-libertajiet kulturali, reliġjużi u lingwistiċi ta' diversi gruppi fi ħdan iċ-Ċina u lil hinn minnha;

3. Iħeġġeġ liċ-Ċina tħassar din il-liġi, u b'hekk tirrispetta l-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali rigward in-nondiskriminazzjoni, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-minoranzi etniċi u reliġjużi;

4. Jistieden lill-Kunsill jattiva r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem kontra l-uffiċjali u l-entitajiet responsabbli tal-konċepiment u l-implimentazzjoni ta' din il-liġi;

5. Jiddeplora d-dispożizzjonijiet ekstraterritorjali tal-liġi, li jikkostitwixxu repressjoni tranżnazzjonali; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tal-UE jissospendu t-trattati ta' estradizzjoni maċ-Ċina biex jipproteġu lill-individwi ppersegwitati li jirrisjedu fl-UE mir-riskji tar-repressjoni tranżnazzjonali skont din il-liġi;

6. Jirrifjuta bil-qawwa t-tentattivi tal-awtoritajiet Ċiniżi li jinterferixxu fir-rikonoxximent u l-edukazzjoni tal-mexxejja spiritwali Buddisti Tibetani; jenfasizza li s-suċċessjoni tad-Dalai Lama hija kwistjoni purament reliġjuża, li għandha tiġi ddeterminata esklużivament f'konformità mat-tradizzjonijiet Buddisti Tibetani;

7. Jappella għall-ħelsien immedjat tal-priġunieri politiċi taċ-Ċina, inklużi Choktrul Dorje Ten Rinpoche, Palden Yeshi, ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov Ilham Tohti, il-11-il Panchen Lama Gedhun Choekyi Nyima u l-attivist Mongoljan Hada; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jqajmu dawn il-każijiet maċ-Ċina;

8. Jistieden lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem joħroġ rapport tas-sitwazzjoni aġġornat dwar iċ-Ċina, li jindirizza speċifikament il-liġi tal-2026;

9. Iqis li l-introduzzjoni u l-infurzar ta' din il-liġi se jwasslu għal konsegwenzi serji għar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, lill-Gvern Ċiniż, lin-NU u lill-Amministrazzjoni Tibetana Ċentrali.